MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 127/2002

**Carmel u Philippa konjugi Attard, u binthom Victoria Attard**

**vs**

**Mario Buontempo Tours**
**Carmvic Buontempo ghan nom u in rappresentanza ta'**
**CVB Services Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghidu intom konvenuti jew min minkom ghaliex ma ghandkomx tigu kundannati thallsu l-ammont ta' sebgha mija tnejn u tmenin lira Maltin (Lm782) ammont dovut lill-atturi bhala risarciment ghall-spejjez ta' tour holiday 'organizzata' mis-socjeta' konvenuta jew min minnkom fi

Spanja bejn l-10 u s-17 ta’ Awissu 2002, liema vaganza giet rovinata interament, minhabba disorganizzazzjoni grassa da parti tat-tour operator jew min minkom, u minhabba illi l-atturi ma ttiehdux fejn kien imwieghed lilhom u reklamat minnkom, u fil-fatt fi zmien sebat ijiem biddlu xejn inqas minn tlett lukandi u l-ebda wahda ma kienet dik reklamata, u ma nghatawx is-servizzi illi hallsu ghalihom, u li di piu il-gwida taghhom kontinwament ittrattahom hazin, u fil-fatt lanqas ippermettielhom jiehdu tours mieghu meta kien imwieghed lilhom illi jekk iridu jiehdu optional excursions huma jkunu jistghu jaghmlu dan.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Frar 2002.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom imsejha.”

Ra r-riferti posittivi mnejn jirrizulta li s-socjetajiet konvenuti gew debitament notifikati izda la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fis-26 ta’ Novembru 2002, fil-11 ta’ Dicembru 2002 u dik tal-lum;

Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti f’ishma ndaqs bejniethom ghall-hlas ta’ LM782 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-atturi quddiem dan it-Tribunal a kariku tas-socjetajiet konvenuti.”

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur